MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 229/2011

Kawza fil-lista: 49

**L-Avukat Dottor Robert Abela bhala mandatarju tal-assenti BVC**
**vs**
**CFG;**
**l-Avukat Dottor Joseph Ellis u l-Prokuratrici Legali Claire Mifsud Bartolo, nominati sabiex jirrap-prezentaw lill-minuri GH;**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li fis-sena 2005 huwa issepara de facto minn mal-konvenuta CFG, allura martu, u minn dak iz-zmien dawn il-partijiet qatt ma regghu kkoabitaw flimkien u qatt ma rega' kellhom relazzjonijiet intimi bejniethom; li fit-8 ta'

Jannar 2010 twieldet mill-istess konvenuta t-tifla GH; li din it-tifla, ghalkemm registrata bhala bintu fuq l-att tat-twelid tagha, mhijiex il-wild naturali ta' l-attur; li l-attur ottjena l-awtorizzazzjoni necessarja sabiex jiressaq l-istanza odjerna; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-minuri GH m' hijix il-wild naturali tar-rikorrent u li r-rikorrent m' huwiex il-missier naturali tal-istess minuri.

2. Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri GH, mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier il-kliem "BVC", in-numru tal-karta ta' l-identita' tar-rikorrent, il-professjoni jew sengha tar-rikorrent, l-eta', il-post tat-twelid u residenza tar-rikorrent kif ukoll isem u kunjom missier ir-rikorrent, u jekk l-imsemmi missier huwiex haj jew mejjet, u tordna kull modifika ohra in vista tal-ewwel talba u jekk jehtieg, f' kull att iehor relattiv u sussegwenti.

3. Tordna skont dak li jipprovdi t-tieni proviso tal-artikolu 73 tal-Kap 16, li l-kunjom tal-minuri ma jibqax jaqra 'Raycheva'.

Bl-ispejjez kontra l-intimata CFG li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha d-Direttur tar-Registru Pubbliku rrefera ghall-artikolu 70[3] tal-Kap.16 dwar it-testijiet genetici, filwaqt oggezzjoni li ghandu jhallas xi spejjez ta' dawn il-proceduri;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-kuraturi deputati ddikjaraw li ma kienux ghadhom edotti mill-fatti;

Rat in-nota prezentata mill-konvenuta CFG li biha ammettiet it-talbiet ta' l-attur;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentat;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi jirrizulta li fit-8 ta' Jannar 2010 il-konvenuta CFG weldet lit-tifla GH minn relazzjoni extra-matrimonjali stabbli li hi bdiet fis-sena 2006 u li ghadha sejra.

Illi l-attur u l-istess konvenuta jaqblu li mis-sena 2005 'il quddiem il-partijiet ma kellhomx relazzjonijiet intimi; u li ghalhekk l-imsemmija tifla mhijiex il-wild naturali ta' l-attur, ghalkemm fuq l-att tat-twelid hija registrata fuq ismu.

Illi r-rizultanzi tat-testijiet xjentifici jissufragaw it-tezi tal-partijiet u jsostnu l-ewwel talba ta' l-attur.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet ta' l-attur huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur; u tiddikjara li t-tifla GH li twieldet mill-konvenuta CFG fit-8 ta' Jannar 2010 mhijiex il-wild naturali u bijologika ta' l-attur; u tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid tat-tifla fit-termini tat-tieni talba; u tilqa' t-tielet talba.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta CFG.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------